# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XXIV (G)**
**Illum il-Gimgha, 2 ta' Marzu, 2001**

**Appell Nru 14/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta’ citazzjoni datata 26 ta’ Settembru, 2000) kontra John Sultana talli fil-periodu ta’ bejn l-1 ta’ Mejju, 2000 lil hawn (cioe` sad-data li fiha harget ic-citazzjoni) naqas li jaghti lil martu Antoinette Sultana is-somma ta’ hmistax-il lira (Lm15) fil-gimgha bhala manteniment ghal binhom minuri Victor, u dan bi ksur tad-digriet moghti mill-Magistrat Dott. P. Coppini tas-16 ta’ April, 1997;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-22 ta’ Novembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi John Sultana hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu jumejn (2) detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi John Sultana, minnu ppresentat fil-11 ta’ Dicembru, 2000 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu li s-sentenza hija nulla. Huwa jgib ‘l quddiem diversi ragunijiet ghala l-imsemmija sentenza hija nulla. Dawn huma (i) li l-periodu li fih huwa naqas li jhallas il-manteniment ma hux specifikat b’mod car, (ii) li isem it-tifel ta’ l-appellant huwa Ismael Vic u mhux Victor, (iii) li “l-akkuza ma tispecifikax il-Qorti li minnha emana d-digriet imsemmi fl-akkuza”, u (iv) l-artikolu citat fis-sentenza huwa zbaljat, ghax kellu jkun l-Artikolu 338(z) u mhux, kif hemm fis-sentenza, l-Artikolu 338(zz). Kwantu ghall-ewwel tlett ragunijiet migjuba mill-appellant, dawn huma ragunijiet altament frivoli u li ma jimmeritaw ebda konsiderazzjoni. Il-periodu li fih huwa allegatament naqas milli jhallas il-manteniment kif ordnat mill-qorti

kompetenti huwa indikat car fl-imputazzjoni – bejn l-1 ta' Mejju 2000 sad-data tac-citazzjoni, cioe` sas-26 ta' Settembru, 2000. Anqas jista' l-appellant jilmenta li hu ma setax jiddefendi ruhu adegwatament semplicement minhabba l-fatt li isem ibnu hu indikat bhala Victor flok Ismael Vic, jew ghax mhix imsemmija specifikatament il-qorti li minnha emana d-digriet tas-16 ta' April, 1997. Kieku verament l-appellant kellu xi diffikulta` simili huwa kellu kull opportunita` li jivventila din il-problema quddiem l-ewwel qorti – haga li mill-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2000 jidher li ma ghamilx. Ma jistax issa l-appellant jippretendi li jqajjem dawna l-ilmenti, meta huwa kellu rimedju quddiem l-ewwel qorti izda ghazel li jhalli kollox ghaddej. Din il-Qorti hi, fi kwalunkwe kaz, sodisfatta li bil-mod kif inhi redatta l-imputazzjoni l-appellant, allura imputat, ma kellux diffikulta` biex jiddefendi ruhu quddiem l-ewwel qorti. Kwantu, pero`, ghar-raba' raguni l-appellant ghandu ragun. L-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jghid li s-sentenza moghtija kontra l-imputat ghandu jkollha fiha cioe` issemmi, fost affarijiet ohra, l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li jkun jikkontempla r-reat li tieghu dak li jkun ikun qed jinstab hati. S'intendi jekk l-artikolu tal-ligi citat fis-sentenza jkun jew inezistenti jew jigi citat artikolu b'iehor, dan ikun daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma giex indikat. Hekk jidher li gara f'dan il-kaz; l-Artikolu 338(zz) tal-Kodici Kriminali ma jezistix. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa l-Artikolu 338(z). Kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, tali difett jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali b'mod li jkun applikabbli s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Meta din il-Qorti thassar is-sentenza tal-Qorti Inferjuri u tiddeciedi l-kawza fuq il-meritu mill-gdid, ma jkunx applikabbli s-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 428 (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Joseph Farrugia*** App. Krim. 13/1/95; ***Il-Pulizija v. Frank Zarb, Joseph Grech u Mario Bugeja*** App. Krim. 28/7/95). Ghalhekk, din il-Qorti qed thassar is-sentenza appellata u ser tisma' l-kawza mill-gdid fil-meritu.

Fil-meritu l-appellant jikkontendi, bazikament, li hu ma kellux flus minnfejn ihallas l-imsemmi manteniment matul il-periodu inkriminat u dan peress li huwa ghamel operazzjoni li minhabba fiha dam bosta xhur ma jmur ghax-xoghol. Hu rega' dahal ghax-xoghol biss f'Settembru, 2000 wara li ibnu kien lahaq ghalaq l-eta` ta' tmintax-il sena. Il-Qorti, pero`, tosserva li jekk l-appellant verament ma setax ihallas il-hmistax-il lira fil-gimgha, hu kellu jirrikorri quddiem il-qorti civili kompetenti biex din tvarja l-ordni ghall-hlas tal-manteniment. Fil-kors tat-trattazzjoni l-abbili difensur tal-appellant fisser li tali rikors (ghall-varjazzjoni ta' l-ordni ghall-hlas tal-manteniment) kien sar pero` l-qorti kompetenti kienet cahdet it-talba. Huwa appena necessarju jinghad li din il-Qorti (l-Qorti ta' l-Appell Kriminali) m'ghandhiex il-funzjoni li tissindika l-operat tal-qorti civili kompetenti in materja ta' ordni simili jew tal-*kwantum* tal-manteniment. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li r-reat ipotizzat fl-imputazzjoni gie sodisfacentement pruvat.

Kwantu ghall-piena, in vista tal-fedina penali relattivament nadifa tal-appellant kif ukoll, u aktar importanti, in vista tal-fatt li l-avukat prosekutur Dott. Stephen Tonna Lowel fisser li l-prosekuzzjoni ma kienitx qed tinsisti ghal piena karcerarja, din il-Qorti ser tikkundanna lill-appellant ihallas ammenda fil-massimu previst mill-ligi.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti issib lil John Sultana hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u cioe` ssibu hati talli bejn l-1 ta' Mejju, 2000 u 26 ta' Settembru, 2000 huwa naqas li jaghti lil martu Antoinette Sultana s-somma ta' hmistax-il lira fil-gimgha bhala manteniment ghal binhom minuri Victor bi ksur tad-digriet moghti mill-Magistrat Dott. P. Coppini fis-16 ta' April, 1997, u, wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, tikkundannah hamsa w ghoxrin lira (Lm25) ammenda pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni.

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur